# JAZZ ON THE FRINGE

## Lejn 12-il jum ta' mużika jazz lokali

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

Minn kunċerti fil-miftuħ għal *masterclasses* u minn prestazzjonijiet intimi għal kompetizzjonijiet tal-jazz. Matul dan is-sajf, Malta se terġa' tkun aktar ħajja mal-ħoss ta' *Jazz on the Fringe,* programm ta' 12-il jum ta' mużika jazz lokali li fih se jressaq flimkien uħud mill-aqwa mużiċisti tal-jazz lokali biex idoqqu f'postijiet varji, f'bars u f'ristoranti madwar Malta.

*Jazz on the Fringe* hu parti mill-Malta Jazz Festival, liema programm se jinkludi serje ta' avvenimenti bħala apperittiv qabel jitla' s-siparju f'Ta' Liesse kif ukoll wara l-festival. Dan se jsir taħt il-patroċinju tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti u sponsorjat mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Il-Fringe Festival se jkun qed jinżamm għat-tielet sena konsekuttiva b'mira li joħloq kuxjenza għal aktar apprezzament tal-Malta Jazz Festival u l-mużika jazz b'mod ġenerali u tespandi iktar l-ambitu ta' dan il-festival ta' fama internazzjonali permezz ta' *workshops* u prestazzjonijiet.

"L-għan tal-*Jazz on the Fringe* hu li jistimula x-xena jazz lokali u jesponi udjenzi Maltin għal jazz lil hinn mill-konfini ta' Ta' Liesse," qal Sandro Zerafa, direttur artistiku tal-Malta Jazz Festival u l-Jazz on the Fringe. Il-koordinazzjoni loġistika ta' dan il-programm hi f'idejn Andrew Alamango.

Il-Fringe Festival se jibda fil-11 ta' Lulju u jibqa' sejjer sal-24 tax-xahar, esklużi d-dati tal-Malta Jazz Festival. Dawn il-*gigs* tipikament jibdew fid-9 p.m.

Dan il-festival se jinkludi wkoll żewġ *stages* fil-miftuħ li se jospitaw wirjiet kollaborattivi bejn mużiċisti lokali u internazzjonali. Il-kunsill lokali tal-Mellieħa se jospita l-ewwel kunċert Fringe li għandu jsir fis-16 ta' Lulju.

Il-Malta Jazz Contest se jkun il-qofol tal-avveniment li se jsir fil-21 ta' Lulju fil-Marina tal-Birgu Waterfront. Sitt finalisti lokali li ntgħażlu minn fost 16-il kandidat se jipparteċipaw fil-kompetizzjoni għas-solisti. Il-mużiċisti magħżula fil-Jazz Contest għal din is-sena huma Marc Galea, Justin Galea, Francesca Galea, Joseph Camilleri, Carlo Muscat u Sarah Marie Bugeja.

Il-*masterclasses* bħala parti mill-*Malta Summer Jazz Camp* se jsiru fil-*Euro Institute for Music* fil-Ħamrun. Għal aktar dettalji wieħed jista' jikkuntatjja lil *isabelle.gatt@maltaculture.com.*



*Karl Jannusk*



*Romain Pilon*

## Il-programm kollu:

Fil-11 ta' Lulju, fix-Sharma Restaurant fl-Imdina se jdoqq Marc Galea Trio; fit-13 ta' Lulju fiż-Zion Club f'Wied il-Għajn idoqq TACT; fl-14 ta' Lulju jdoqqu Joe Debono, Carlo Muscat u Lionel Boccara fil-Howard Gardens fir-Rabat; fil-15 ta' Lulju fil-lukanda Phoenicia jdoqqu Sandro Zerafa, Matyas Zandai u Lionel Boccara.

Fis-16 ta' Lulju, filgħodu, Paul Abela Trio jdoqq fl-Ajruport filwaqt li fil-11 a.m. ssir konferenza għall-istampa dwar il-Malta Jazz Festival u l-Fringe. Fl-istess jum bejn il-5.30 u s-7 p.m. jinżamm l-ewwel *masterclass* fil-*Euro Institute* fil-Ħamrun minn Claudio Angeleri. Fid-9 p.m. fil-misraħ tal-Mellieħa jittella' l-ewwel kunċert Fringe bis-sehem ta' Joe Debono, Matyas Szandai, Carlo Muscat u Lionel Boccara.

Fis-17 ta' Lulju, Nadine Axisa tkun fil-Palazzo Depiro, fl-Imdina, fejn ukoll se tkun inawgurata l-wirja fotografika fuq il-Malta Jazz Festival minn Sergio Muscat. Waranofsinhar ikun hemm il-*masterclasses* fil-Ħamrun minn Rino Cirinna, Karl Jannuska u Matyas Szandai.

L-għada l-Ħamis ikomplu l-*masterclasses* bejn il-5 u s-6.30 p.m. minn Romain Pilon u wara f'Ta' Liesse jittella' l-ewwel jum tal-Malta Jazz Festival. Il-Ġimgħa 19 ta' Lulju, il-*masterclasses* ikunu preżentati minn Claudio Angeleri u filgħaxija jitkompla l-Malta Jazz Festival.

Is-Sibt 20 ta' Lulju, fil-11 a.m., jitkomplew il-*masterclasses* minn Rino Cirinna, Romain Pilon, Karl Jannuska u Matyas Zandai u filgħaxija jittella' l-aħħar jum tal-Malta Jazz Festival. Il-Ħadd, fil-Birgu Waterfront ikun hemm il-Malta Jazz Contest.

It-Tnejn 22 ta' Lulju fix-Xara Lodge fi Sqaq Taċ Ċawla, Triq il-Belt, fil-limiti tar-Rabat idoqq Dominic Galea Trio, filwaqt li fit-23 ta' Lulju, Manuel Pulis Trio jdoqq fis-Sharma Restaurant fl-Imdina.


